MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 939/2005

**Focal Maritime Services Company Limited (C21961)**
**vs**
**Chairman Malta Tourism Authority u Mario Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 t'April, 2005, fejn intalab l-ammont ta' elf tlett mija u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1308.25) li s-socjeta` attrici hallset « extra » f'isem il-Malta Tourism Authority f'Mejju, 2004 meta nhatt ramel minn fuq il-vapuri m/v Bosphorus Prodigy u l-m/v Iran Khuzestan f'Laboratory Wharf biex jingarr ghall-bajja ta' San Gorg.**
**Dawn l-ispejjez gew inkorsi minhabba diskrepanzi fl-istivar tal-merkanzija u billi hafna xkejjer tar-ramel tqattghu u kellhom jinkrew gafef u skips biex jigbru r-ramel li waqa' fuq il-moll.**

**Dan ix-xoghol sar bl-approvazzjoni tal_perit John Ebejer ta' l-Awtorita` tat_turizmu li bl-inizjattiva tal-attrici, l-Awtorita` ffrankat somma kbira. Is-socjeta` attrici agixxiet f'isimha fl-importazzjoni tar-ramel.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru, 2004, u bl-imghax kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fl-24 ta' Mejju, 2005 fejn intqal :**
**i. Fl-ewwel lok u preliminarjament in-nullita` ta' l-avviz a bazi ta' l-Artikolu 176(1) u (2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**ii. Fit-tieni lok illi c-Chairman tal-Malta Tourism Authority u Mario Attard ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta` attrici Focal Maritime Services Company Limited.**
**iii. Fit-tielet lok, jehtieg illi s-socjeta` attrici tiddikjara l-kapacita` li fiha qed tharrek, u cioe` jekk hijiex qeghda tharrek f'isimha proprju jew jekk hijiex qeghda tharrek f'xi kapacita` ulterjuri.**
**iv. Fir-raba' lok illi skond ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-Awtorita` Maltija tat_Turizmu s-socjeta` attrici kienet intitolata li tircevi minghand l-Awtorita` s-somma ta' zewg liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2.25) ghal kull tunnellata ramel li l-istess hattet minn fuq il-vapuri u garret, minghajr ebda kundizzjoni rigwardanti l-istivar tal-merkanzija, u ghalhekk kull talba bbazata fuq diskrepanza fl-istivar tal-merkanzija hija nfondata.**
**v. Fil-hames lok illi l-Awtorita` Maltija ghat-Turizmu mhijiex responsabbli ghat-tindif tal-moll u f'kull kaz tindif li sar kien necessarju minhabba nuqqasijiet da parti tas-socjeta` attrici jew l-agenti taghha.**
**vi. Fis-sitt lok, u kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, mhuwiex minnu illi l-Perit John Ebejer ta l-approvazzjoni tieghu ghax-xogholijiet li taghhom qieghed jintalab il-hlas.**
**vii. Fis-seba' lok illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.**

**viii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta’ Godwin Scerri, Brian Gatt, George Cini, Patrick Mercieca, Perit John Ebejer, Mario Attard, Edmund Darmanin, Michael Spiteri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta’ osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet.**

**Ra d-digriet tas-26 ta’ Mejju, 2005, li bih cahad l-ewwel eccezzjoni sollevata.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda ramel li ngieb ghall-bajja ta’ San Gorg. Dan ir-ramel ingieb permezz ta’ zewg vapuri, l-m/v Bosphorus Prodigy u l-m/v Iran Khuzyestan. Ir-ramel ingarr fi xkejjer, xi whud mill-liema tqattghu, u waqt il-hatt hareg kwatita ta’ ramel fl-istiva u fuq il-moll. Is-socjeta` attrici ghalhekk inkorriet spejjez biex tiehu hsieb tnehhi dan ir-ramel. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li qatt ma inkarigata biex taghmel dan.**

**2. Ir-ramel ingieb Malta fl-14 u fl-20 ta’ Mejju, 2004. Ir-ramel kien qed jingarr taht il-kundizjjoni « free out ». Ghalhekk ir-responsabilita` tal-hatt tal-merkanzija kienet tar-ricevitur, cioe l-Awtorita` konvenuta. Is-socjeta` attrici giet inkarigata biex tiehu hsieb il-hatt tal-merkanzija, u nghataw lilhom d-dettalji mis-shippers.**

**3. Godwin Scerri, Managing Director tas-socjeta` attrici, jispejga li meta bdew jinhattu l-ixkejjer tar-ramel xi whud tqattghu u beda hiereg ir-ramel fl-istiva u fuq il-moll. Jirrizulta li dana gara minhabba li l-ixkejjer, li kienu ta’ tunnellata l-wahda, kienu mimlijin aktar milli suppost u stivati b’mod hazin peress illi tpoggew fuq ic-capep tal-istiva. Ir-ritratti BG1 sa BG 18 huma evidenza ta’ dan.**

**4. Is-socjeta` attrici kellha kunttatt mal- Perit John Ebejer u Mario Attard ghall-Awtorita` konvenuta. Gie spjegat li fuq l-ewwel vapur it-tqattigh kien minimu, u kienu inghataw struzzjonijiet mill-Awtorita` konvenuta**

**biex jingabar ir-ramel li hareg u jittihed fil-bajja ta' San Gorg. Intuzaw *bob cats* u *skips* ghal dan ix-xoghol.**

**5. Fil-kaz tat-tieni vapur hareg hafna aktar ramel, tant li l-haddiema ma riedux ikomplu x-xoghol. Kien mar il-Perit Ebejer fuq il-post u qal li dak ix-xoghol kellu jsir, u ghalhekk sar diskors fuq il-makkinarju necessarju u n-nies zejda li kienu mehtiega biex dan isir.**

**6. Jirrizulta wkoll li, apparti mit-tqattigh kien hemm problema ohra, meta gie nnutat li l-istorage plan mibghuta ma kienetx taqbel ma kif attwalment kieneu stivati l-ixkejjer. Dana hu konferma t minn Godwin Scerri kif ukoll minn Brian Gatt, Shipping Executive. Fil-fatt filwaqt li l-istorage plan indikat 276 tunnellata fl-istiva numru tnejn, meta l-hadiema telghu sabu 500 tunnellata. Dana kien ser jinvolvi spejjez ulterjuri, billi kien ikun jehtieg li l-vapur johrog mill-gdid mill-port u jibghat « storage plan » aggustata, u da parti tal-port jitqabbdu « gangs » godda sabiex ihottu. Ghalhekk biex jigu ffrankati spejjez u dewmien, saru negozjati mal-haddiema. Kien George Cini li ftiehem mal-haddiema fuq ammont ta' tlett mitt lira bonus biex jaghmlu x-xoghol. Patrick Mercieca, Commercial Manager mas-socjeta` attrici, jghid li fil-kaz tat-tieni vapur kien hemm komunikazzjoni kontinwa mal-Perit Ebejer biex jaraw x'passi hemm bzonn jittiehdu. Mal_Perit Ebejer sar diskors sija dwar l-istevedores kif ukoll dwar it-tindif.**

**7. Kien gie infurmat il-Perit Ebejer b'dak li qed isir. Is-socjeta` attrici taghat ukoll parir lil-Awtorita` konvenuta biex ma thallasx kollox, minhabba li s-shipper kellu tort.**

**8. George Cini, rapprezentant tas-socjeta` attrici, jikkonferma li kienu marruufficjali mill-Ministeru tat-Turizmu fuq il-moll u marru jaraw ix-xoghol li kien qed isir.**

**9. Jirrizulta li meta ingabar ir-ramel u tqieghed fejn kellu jitqieghed, intbaghat il-kont lill-Awtorita` konvenuta li rrifjutaw li jhallsu.**

**10. Mario Attard, Direttur tal-Awtorita` konvenuta spjega illi l-Perit John Ebejer huwa inkarigat ghall-operat u hu kien halla f'idejh rigward is-soluzzjoni**

**dwar id-dewmien. Skond Mario Attard hu ma kienx dahal fid-dettalji tal-problema.**

**11. Il-Perit John Ebejer, dak iz-zmien konsulent mal-Awtorita` konvenuta, kien ra personalment il-problema li nholqot dwar it-tieni vapur, u kienu kkuntattjawh Godwin Scerri u Patrick Mercieca. Dwar il-fatt li kien hemm aktar merkanzija fi stiva p-artikolari milli f'ohra, il-Perit jghid li kellhom « deadline » biex isir ix-xoghol, fis-sens li jekk il-process ma jimxix l-MTA kienet ser tidhol fi spejjez zejda, bhal demurrage. Is-socjeta` attrici kienet indikat lill-Awtorita` s-soluzzjoni.**

**12. Jirrizulta li l-Perit kien qed jikkonsulta ma' Mario Attard dwar dak li ghandu jsir. Il-Perit xehed hekk : »*F'sitwazzjoni fejn ir-ramel kien qed jaqa' fuq il-moll, jiena nimmagina li ghidtilhom li r-ramel irid jingabar. Ma niftakarx li l-ispiza ser igoora l-MTA, lanqas li d-Diirettur awtorizzani bien naghmel hekk.*» Jghid ukoll li l-MTA kellha interess li x-xoghol jimxi. Jghid hekk : « *L-istruzzjonijiet li kelli kien li x-xoghol irid jimxi.* »**

**13. Tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal hu tal-fehma illi L-Awtorita` konvenuta kienet a konixxenza ta' dak li qed isir u dana tramite l-istess konsulent taghha il-Perit Ebejer. Ma hemmx dubbju li dak li sar mill-istess socjeta` attrici sar fl-interess tal-Awtorita` konvenuta mhux biss biex jiffrankaw l-ispejjez lill-din izda ukoll in vista tal-fatt li kien hemm termini li kellhom jigu rispettati. Ma jaghmilx sens li l-Awtorita` konvenuta tghid li hi ma awtorizzatx lis-socjeta` attrici taghmel dak li ghamlet, meta jirrizulta l-kuntrarju, ghaliex del resto anke l-istess Mario Attard kien infurmat bl-andament tal-affarijiet. Meta l-Perit Ebejer halla x-xogholijiet isiru, cioe` segwa s-soluzzjoni suggerita mis-socjeta` attrici, dana kien qed jagixxi skond id-direzzjoni li kellu, cioe' li x-xoghol irid jimxi. Hija l-Awtorita` konvenuta u mhux Mario Attard personalment li ghandom jwiegbu ghall-ispejjez.**

**14. Bhala ammont dana jirrizulta pruvat fl-ammonti ta' elf u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1008.25) Dok.8 ghall-kiri ta' skips, tindif, kera ta'**

**bobcat u trasport ta' nies, u fl-ammont ta' tlett mitt lira (Lm300.00) Dok.7, ghal bonus imhallas lill-haddiema.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jillibera lil Mario Attard personalmment mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tlett mija u tmien liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1308.25) bl-imghax legali dekkoribbli mis-26 ta' Novembru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-Awtorita` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------